31999R0799

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 799/1999
tas-16 ta' April 1999
dwar il-klassifika ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2261/98 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi biex tkun żgurata applikazzjoni unformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa meħtieġ li jkunu addottati miżuri dwar il-klassifika tal-merkanzija li hemm referenza għaliha fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kollha kemm hi jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunita, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa u miżuri oħra konnessi ma' kummerċ f'merkanzija;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandhom ikunu kklassifikati skond il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat li informazzjoni li torbot dwar it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri fir-rigward tal-klassifika ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda u li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, tista' tissokta tkun invokata, taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunita [3], għal perjodu ta' tliet xhur mill-possessur;

Billi l-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tas-Sezzjoni dwar in-Nomenklatura ta' Tariffa u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati ġon-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċijiet ta' l-NM xierqa indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

L-Artikolu 2

Informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stati Membri li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament tista' tissokta tkun invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' April 1999.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 292, tat-30.10.1998, p. 1
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

L-ANNESS


Deskrizzjoni tal-merkanzija

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika Kodiċi NM	Raġuni
(1)	(2)	(3)
1. Magna komposta, li tikkonsisti fil-komponenti li ġejjin f'unita (*housing*) waħda: — telefon, — magna tat-telefon diġitali li twieġeb, — *modem* (33,6 Kbps), — CPU bi proċessur MHz, 4 MB ROM (massimu ta' 12 MB) u 4 MB DRAM (massimu ta 32 MB), — Display tal-kulur (8″ 640 × 480 VGA *touch pencil*), — Tastiera b'mousebutton, — *Interface*: POTS (2), ISDN, *Ethernet*, port serjali u parallelu. Għandha l-funzjonijiet li ġejjin: telefonija, twieġeb it-telefon, tibgħat u tirċievi messaġġi (e.g. *faxes* u e-*mails*) f'għamla elettronika via linja tat-telefon, aċċess għal-*Internet*, eżekuzzjoni ta' *software* differenti (direttorju tat-telefon(lista telefonika), *word—processor*, kalendarju). Ara stampa A (*)	8517 50 90	Il-klassifika hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 3 għas-Sezzjoni XVI, Nota 5(E) għall-Kapitolu 84 u r-rabta ta' kliem tal-kodiċijiet NM 8517, 8517 50 u 8517 50 90. Il-funzjoni prinċipali tal-magna komposta hija telefonija bil-linji. Billi ebda mill-komponenti prinċipali (it-telefon u l-apparat tat-telekomunikazzjoni għal sistemi ta' linji diġitali) ma jagħti lill-prodott il-karattru essenzjali, ir-Regola Ġenerali 3c għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tapplika fil-livell ta' subtitolu.
2. Vetturi ġodda b'erba' roti b'magna diesel ta' 928 cm 1, piż gross tal-vettura ta' madwar 1 800 kg u dimensjonijiet ta' madwar 2,7 m (tul) × 1,4 m (wisa'). Il-vetturi għandhom kabina miftuħa u bank fjen wieħed joqgħod bilqiegħda għal 2 persuni (inkluż is-sewwieq) u area miftuħa għat-tagħbija bid-dimensjonijiet ta' madwar 1,2 m (tul) × 1,4 m (wisa'). Il-kapaċità tat-tagħbija hija ta' madwar 900 kg. L-area tat-tagħbija għandha idroliċi ta' timjil. Il-vettura għandha apparat biex tiġbed karrijiet u *power—take—off*. L-area tal-persuni hija iżgħar mill-area tat-tagħbija. Ara stampa B (*)	8704 21 91	Il-klassifka hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u r-rabta ta' kliem tal- kodiċijiet NM 8704, 8704 21 u 8704 21 91. Il-vetturi mhumiex essenzjalment iddisinjati biex jiġbdu jew jimbottaw vettura oħra, *appliance* jew tagħbija u għalhekk ma jaqdux ir-rekwiżiti tan-Nota 2 għall- Kapitolu 87. Huma mhumiex iddisinjati prinċipalment għat-trasport ta' persuni. Huma mhumiex trakkijiet *dumper* (ara n-Noti Spjegattivi għas-Sistema Armonizzata tas-subtitolu 8704 10).

(*) L-istampi huma purament għall-informazzjoni biss.



A



B